# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


---

22 ta' Frar, 2013

# Minuti tal-laqgha 14(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 14(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 18 ta' Frar, 2013 fis-saghtejn ta' wara nofsinhar (2.00pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 1.1(13/06)-Knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku fil-lokalita tal-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall tah rendikont tas-servizz mghoti fil-lokalita tal-Birgu ghal knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku, mil-kuntrattur s-Sur Saviour Mifsud, hekk kif dan il-kuntrattur jinsab fil-bidu tax-xoghol tieghu f'din il-lokalita. Is-Sindku zied jghid li kien hemm diversi kummenti pozittivi.

1.2 Item 1.4 (13/06) Lejla Letterarja ghan-nom ta' Gigi Buttigieg

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-familjari ta' Dr. Louis (Gigi) Buttigieg jixtieqU li l-lejla letterarja titella' fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa ukoll sabiex ghal din l-attivita ma jigux mistiedna aktar min 60 ruh kif ukoll li d-diskorsi kommemorattivi ssugeritti li jsiru ma jkunux aktar min tnax-il minuta twal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 <u>Item 2.4(13/06) Il-progett tal-pavimentar ta' Misrah ir-Rebha u r-restawr taz-zona tal-Collachio.</u>

Il-Kunsill gie mgharraf li waqt attivita politika, l-Ministru responsabli min dan il-progett qal li r-restawr taz-zona tal-Collachio fil-Birgu ser jinghata bidu tieghu f'April tas-sena 2013. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel laqgha mas-Sur Raymond Farrugia, Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xogholijiet fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex ikun jaf ahjar id-dettalji ahharija ta' dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 <u>Item 2.13(13/06) The *Malta Bus Souvenior Bus*</u>

Is-Sindku tah rendikont lil Kunsillilera tal-laqgha li kellhu mal-kumpanija *Cancu Coaches* sabiex fil-lokalita tal-Birgu jkun hawn "The Malta Bus Souvenior Bus" sabiex tigi stazzjonata fi Triq San Lawrenz, ezattament quddiem id-dar ta' l-Arcipriet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 <u>Item 3(13/06) Il-parkegg f'nofs ta' Misrah ir-Rebha</u>

Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu,qablu li fin-nofs tal-pjazza l-Kunsill ma jridx li jkun hemm karozzi pparkjati. Il-Kunsilliera qablu li c-centru tal-pjazza jixriqilha li ghandhu jkun minghajr parkegg.

1.6 <u>Item 4(13/06) Harga kulturali</u>

Il-Kunsillier Lawrence Attard tah rendikont tal-harga kulturali li saret nhar it-Tlieta 12 ta' Frar, 2013, gewwa l-Mediterranean Ceramics Factory f'Ta' Qali u l-Bird Park Malta fis-Salina. Is-Sur Attard qal li kien hemm diversi kummenti pozittivi. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall, ssugerixxa sabiex l-harga kulturali li jmiss issir gewwa Ghawdex. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 <u>Item 6(13/06) Decizjonin dwar is-sejha RM 10/12 – Zamma u manutenzjoni ta' toroq li jaghtu access biss u toroq pedonali</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil kunsilliera li l-laqgha mal-Perit tal-Kunsill flimkien mal-kuntrattur ghax-xogholijiet ghaz-zamma u manutenzjoi ta' toroq li jaghtu access biss u t-toroq pedonali, l-kuntrattur V&M Vella Imports Ltd.  saret.

## 2. <u>**Korrispondenza**</u>

2.1 Iz-zona ta' hdejn l-*Oil Tanking* fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-pjanti mibghuta mid-dipartiment tar-Restawr fi hdan l-Ministeru tar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, taz-zona hdejn l-*Oil Tanking* ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Fid-diskussjoni dwar dan il-progett qam l-*issue* tal-parkegg.

2.2 Talba mis-Socjeta Muzikali San Lawrenz

Ittra mibghuta mis-Segretarju tas-Socjeta Muzikali San Lawrenz, s-Sur Bjorn Callus fejn ghan-nom ta' din is-socjeta nforma lil Kunsill li nhar il-21 ta' Marzu ser issir il-ftuh tal-wirja "Getsemani. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill ikellem lis-Sur Callus hekk kif il-kontenut ta' din l-ittra mhux car.

2.3 Seminar organizzat mil-Bank of Valletta

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Bank of Valletta wera x-xewqa li jorganizza seminar fil-lokalita tal-Birgu sabiex jghallem lil dawk interessati dwar l-uzu ahjar tal-finanzi, kif wiehed jista' jaghmel *savings plan*. Is-Sindku zied jghid li l-lokalita tal-Birgu hija wahda min 6 lokalitajiet biss maghzula min dan il-bank ghal dawn is-*seminars*. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dan is-seminar jigu organizzat fil-Berga ta' Franza fix-xahar ta' Mejju. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Korrispondenza mil-Belt ta' Birgi fit-Turkija

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Kunsill fil-villagg ta' Birgi fit-Turkija, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien qieghed jaghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex delegazzjoni min din il-Belt fit-Turkija tigi zzur il-Belt tal-Birgu bejn id-29 ta' Marzu u l-1 t'April, 2013. Is-Sindku stqar li min kalkolazzjonijiet li saru din il-vizita ser tiswa lil Kunsill l-ammont ta' € 3,000 li sfortunatament minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill mhux f'posizzjoni li jaghmel din l-ispiza. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li tintbaghat korrispondenza lil Kunsill tal-villagg ta' Birgi, fejn filwaqt li tigi spjegata lilhom is-sitwazzjoni tal-Kunsill, ninfurmawhom li l-Kunsill mhux f'posizzjoni li jhallas l-passag ta' delegazzjoni Turka, izda l-Kunsill lest li jhallas l-ospitalita ta' din id-delegazzjoni meta tasal Malta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Proposta mil-kumpanija MFSP Financial Management Ltd.

Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mis-Sur Gianfranco Stellini Direttur tal-kumpanija MFSP Financial Management Ltd. fejn din il-kumpanija qed tipproponi sabiex darbtejn fil-gimgha jintuza l-ufficju tal-Kunsill min din il-kumpanija biex tofri servizz lil komunita tal-Birgu. Din il-kumpanija lesta li tofri skont ta' € 25 fuq assigurazzjoni ta' vetturi li jsiru mir-residenti ta' din il-lokalita, kif ukoll hlas ta' kummissjoni ta' 5% ghal Kunsill, fuq kull negozju gdid li jsir permezz ta' din il-kollaborazzjoni. Wara diskussjoni, l-Kunsill ma qabilx mal-proposti offruti u gie ssugerit li din terga' tigi diskussa aktar-il quddiem.

3. **<u>Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2012</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta ghall-approvazjoni tal-Kunsill l-*Financial Statements* ghas-sena finanzjarja 2012. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva taghti rendikont tad-dokumenti pprezentati. Is-Segretarja Ezekuttiva s-Sinjorina Christine Bonello nfurmat lil Kunsill li sfortunatament il-Kunsill ghal darb'ohra qieghed jiffacja *deficit* u qalet li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhix wahda tajba. Is-Sinjorina Bonello, qalet li ghalkemm il-Kunsill irnexxielu jnaqqas l-ammont ta' l-ispejjez bi € 50,254, l-Kunsill ghas-sena 2012 naqqas d-dhul tieghu bi € 107,269.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jiehu diversi mizuri sabiex inaqqas l-ispejjez tieghu, filfatt wahda mil-mizuri li ha huwa li joffri s-servizz tal-gbir ta' skart goff, bil-haddiema assenjati mil-ETC minflok jixtri s-servizz minghand kuntrattur. Filfatt is-Sindku qal li s-somma stmata ghas-servizz ta' skart goff f'xahar kienet ta' € 780 izda bis-servizz offrut direttament mil-Kunsill.

Is-Sindku zied jghid li l-haddiema tal-Kunsill lesti li jaghmlu xoghol ta' *cold asphalt* izda l-Kunsil irid jaghmel investiment ghal *compactor.* Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex l-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-*financial statements* ipprezentati ghas-sena finanzjarja 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

4. **<u>Rapport dwar il-vizita taz-zghazagh gewwa l-Polonja bhala partecipazzjoni fil-progett "Tastes of Europe"</u>**

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi tah rendikont tal-vizita taz-zghazagh gewwa l-Polonja bhala partecipazzjoni fil-progett "Tastes of Europe". Il-Vici Sindku stqar li din il-vizita kienet wahda ta' success u z-zghazagh li rraprezentaw l-Kunsill gabu ruhhom sew u kienu ta' ezempju ghal partecipanti l-ohra.

5. **<u>Taghrif dwar il-Progett Fuq tal-Hawli</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall ta rendikont tax-xogholijiet li qeghdin isiru fil-Gnien Fuq tal-Hawli, fejn qed isiru x-xogholijiet kollha mehtiega sabiex fl-iqsar zmien possibli isir il-parkegg il-gdid bhala parti minn dan il-progett. Is-Sindku zied jghid li dan il-parkegg ser jesa' wiehed u ghoxrin (21) karozza.

6. **<u>Taghrif dwar ix-xogholijiet fi Triq San Lawrenz</u>**

Is-Sindku qal lil-Perit David Vassallo nforma lil Kunsill li l-Awtorita tat-Trasport ser taghmel l-almu taghha biex isiru x-xogholijiet pendenti u talab lill-Perita responsabbli, il-Perita Charlene Bonnici, biex taghti rendikont tal-izvillupi relatati ma' dawn ix-xogholijiet. Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva, sabiex tkompli ssegwi l-andament tax-xogholijiet ghal din it-triq.

7. **L-ufficju tal-*Front Office* darba fil-gimgha jibqa' miftuh sat-8 ta' filghaxija**

Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex hekk kif il-kunsill jimpjega persuna ohra fuq bazi *part-time*, l-ufficju tal-kunsill darba fil-gimgha ikun miftuh ghall-esigenzi tal-pubbliku sat-8 ta' filghaxija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10. **Affarijiet Ohra**

10.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-5 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |